FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha 31 ta' Mejju, 2002

**Numru 30**

**Avviz. numru 507/02JR**

**Bank of Valletta p.l.c.**

**vs**

**Godwin u Marthese mizzewgin Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz prezentat fl-1 ta' Marzu, 2002 fejn intalab il-hlas ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm657.50), bilanc ghad-debitu fil-"loan account" ta' Godwin u Marthese mizzewgin Grech mas-socjeta` Bank of Valletta p.l.c. kif ahjar jirrizulta mill-kopja ta' l-istatement of account anness mal-avviz u mmarkat Dok."A1" sa "A3" flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament;**

**Illi s-socjeta` attrici nterpellat lill-konvenuti biex ihallsu dan id-debitu permezz ta' ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru, 2001, esebita u mmarkata Dok.B izda dawn baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din it-talba;**
**Illi s-socjeta` attrici qed tipprezenta wkoll affidavit skond il-Ligi anness u mmarkat Dok.C.**

**Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx risposta u lanqas ma dehru.**

**Ra l-affidavit tal-P.L. Joseph Zammit u semgha lill-istess jikkonferma li ma sar ebda pagament minn dak mitlub fl-avviz. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta soddisfacentement pruvata u wara li ra l-Artikolu 13(b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta` s-somma ta' sitt mija u hamsa u sebghin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm657.50), flimkien ma' l-imghaxijiet ulterjuri mill-1 t'Ottubru, 2001 sad-data ta' l-effettiv pagament.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 6 ta' Novembru, 2001, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**Gudikatur**